MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 49/2024 LM

**Amici Projects Limited (C 88103)**
*('is-soċjetà appellata')*

***vs.***

**LAM Projects & Turnkey Limited (C 89647)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **LAM Projects & Turnkey Limited (C 89647)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-digriet mogħti mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fit-30 ta' Mejju, 2024 [minn issa 'd-digriet appellat'], fejn ġie ddekretat ir-rikors ippreżentat mis-soċjetà intimata fid-29 ta'

April, 2024 fl-ambitu tal-proċeduri istitwiti mis-soċjetà rikorrenti **Amici Projects Limited (C 88103)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'] fil-konfront tas-soċjetà intimata, hawnhekk l-appellanta. Is-soċjetà intimata permezz tal-imsemmi rikors, talbet lit-Tribunal: (i) jissospendi l-prolazzjoni tal-lodo arbitrali stante li s-soċjetà intimata kienet għadha ma ppreżentatx il-provi tagħha, u lanqas ma kienet għamlet is-sottomissjonijiet tagħha fil-proċeduri odjerni; (ii) jordna l-ftuħ mill-ġdid tal-provi; (iii) jippermettilha tressaq kwalunkwe prova li jista' jkollha in sostenn tal-pożizzjoni tagħha f'dawn il-proċeduri; (iv) jagħti wkoll kull provvediment ieħor skont il-liġi. Din it-talba tas-soċjetà intimata ġiet miċħuda mit-Tribunal permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Mejju, 2024, u dan l-appell qiegħed jitressaq mid-digriet appellat.

**<u>Fatti</u>**

2. Is-soċjetà rikorrenti kienet tat appalt lis-soċjetà intimata sabiex tagħmel xogħol ta' kostruzzjoni fuq diversi siti li jinsabu Marsaskala, l-Imsida, Birkirkara u s-Siġġiewi. Ir-rikorrenti spjegat li hija avvanzat diversi pagamenti li jammontaw għal €1,550,562.49, iżda x-xogħol li kellha tippresta s-soċjetà intimata, baqa' ma ġiex komplut, u għalhekk is-soċjetà rikorrenti qiegħda tippretendi rifużjoni ta' flus rappreżentanti l-valur tax-xogħol li ma sarx, u li għalih sar ħlas indebitu. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-intimata arrikkiet ruħha indebitament, u għalhekk l-azzjoni tagħha hija bbażata fuq l-*actio de in rem verso.* L-ammont li s-soċjetà rikorrenti qiegħda tippretendi li għandu jiġi rifuż lilha mis-soċjetà intimata, huwa ta' €450,082.70, jew somma verjuri li trid tiġi stabbilita milt-Tribunal, u dan wara li sar ħlas għal xogħol li ma twettaqx.

**Id-digriet appellat**

3. Permezz tad-digriet mogħti fit-30 ta' Mejju, 2024, t-Tribunal ċaħad it-talbiet tas-soċjetà intimata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"L-Arbitru ħa in konsiderazzjoni dawn il-fatti:*

*Illi huwa kien maħtur bħala Arbitru fil-25 ta' Settembru, 2023 u żamm l-ewwel seduta fil-14 ta' Diċembru, 2023.*

*Illi s-soċjetà attriċi kienet issottomettiet it-talba tagħha fil-31 ta' Lulju, 2023, u s-soċjetà intimata ssottomettiet id-difiża tagħha fit-22 ta' Settembru, 2023.*

*Illi fl-ewwel seduta, seduti oħra kienu miftiehma għall-11 u għall-25 ta' Jannar, 2024. Fid-9 ta' Jannar, iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ irċieva emejl mingħand l-avukati Dr Clive Gerada u Dr Keith Borg, li avżat li huma kienu se jiktbu ittra biex jirrinunzjaw ir-rappreżentanza tas-soċjetà intimata.*

*Illi fil-fatt, fis-seduta tal-11 ta' Jannar, ma nstemgħu l-ebda xhieda, imma l-Arbitru kiteb verbal biex jitlob lill-Avv. Dr. Clive Gerada u Dr. Keith Borg biex jiktbu formalment dwar ir-rinunzja tagħhom, waqt li s-soċjetà intimata kellha tiġi avżata bis-seduta li kien imiss, tal-25 ta' Jannar, 2024. L-ittra ta' rinunzja, mingħand l-istess avukati, bid-data tat-28 ta' Diċembru, 2023, waslet għand iċ-Ċentru fil-15 ta' Jannar, 2024.*

*Illi fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2024, ma deher ħadd min-naħa tal-intimati, jew xi rappreżentanti tagħhom, u l-Arbitru ordna li l-intimati jiġu avżati li s-seduta ta' wara, tat-2 ta' Frar, 2024, kienet l-aħħar opportunità biex jidhru u jippreżentaw ix-xhieda u l-provi tagħhom.*

*Illi fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2024, is-soċjetà rikorrenti ddikjarat li kienet għalqet il-provi. L-Arbitru ordna li l-partijiet jiġu avżati li kellhom ġimagħtejn biex jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub.*

*Illi fis-7 ta' Frar, iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ kiteb lill-partijiet, b'anness tat-traskrizzjonijiet tal-aħħar żewġ seduti, u x-xhieda ppreżentata minn Justin Sammut, biex javża li kellhom ġimagħtejn biex jagħmlu n-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom.*

*Illi l-Avv. Dr Scerri Herrera, f'isem is-soċjetà attriċi, għamel Nota ta' Sottomissjoni fl-1 ta' Marzu, 2024.*

*Illi fl-14 ta' Marzu, 2024, l-Avv. Dr. Clive Gerada u Dr. Keith Borg bagħtu emejl biex javżaw li huma kienu se jerġgħu jieħdu f'idejhom ir-rappreżentanza tas-soċjetà intimata, u talbu biex ikunu avżati bid-dati tas-seduti li kien imiss.*

*Illi dan kien wara li t-terminu li bih kienet avżata s-soċjetà intimata, u wara, għalhekk, li l-Arbitraġġ kien reġa' mar għad-deċiżjoni tal-Arbitru.*

*Illi r-Rikors hawn fuq imsemmi daħal fid-29 ta' April, 2024.*

*In konsiderazzjoni ta' dan kollu, l-Arbitru huwa tal-fehma li s-soċjetà intimata kienet avżata bid-dati tas-seduti kollha, u kienet responsabbilità tagħha li tqabbad avukati jirrappreżentawha, meta dawk li kellha qabel kienu rrinunzjaw għar-rappreżentanza. Kellhom l-opportunità kollha li jitolbu assistenza legali li kellhom bżonn. Għall-anqas, setgħu dehru quddiem l-Arbitru sabiex jispjegaw is-sitwazzjoni tagħhom – ħaġa li qatt ma għamlu. Ma kienx l-obbligu tal-Arbitru, jew taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ, li jispjegaw lis-soċjetà intimata dwar is-sinifikat tal-għeluq tal-provi. L-opportunità biex is-soċjetà intimata tressaq il-provi tagħha kienet teżisti imma ma ħaduhiex.*

*Għaldaqstant, l-Arbitru ma jilqax ir-rikors tad-29 ta' April, 2024, u mhux se jissospendi l-prolazzjoni tal-lodo arbitrali, jew jiftaħ lis-soċjetà konvenuta mill-ġdid biex iressqu l-provi f'dan l-istadju."*

## <u>L-Appell</u>

4. Fir-rikors tal-appell imressaq fil-11 ta' Ġunju, 2024, is-soċjetà intimata spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u għalhekk talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-digriet appellat fejn ġew miċħuda t-talbiet tagħha, u tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet imressqin minnha fir-rikors tagħha tad-29 ta' April, 2024.

5. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-appell tagħha huwa fir-rigward tad-deċiżjoni tat-Tribunal li jagħlaq il-provi fi żmien meta hija ma kellhiex l-assistenza legali tal-avukati li kienu qegħdin jassistuha. L-appellanta tgħid li f'dak il-perijodu, hija ma kellha l-ebda gwida dwar kif kienu qegħdin jiżvolġu l-proċeduri u dwar ir-rwol tagħha f'dawn il-proċeduri, u hija lanqas ma fehmet is-

sinifikat tal-għeluq tal-provi, u ħadd ma spjegalha x'inhi l-konsegwenza ta' dan qabel il-provi tagħha ġew iddikarati magħluqa. Is-soċjetà appellanta qalet li l-għeluq tal-provi f'dawn iċ-ċirkostanzi fisser li hija ma kellhiex l-opportunità tressaq il-provi tagħha b'mod ekwu u ġust, għaliex hija ma kellhiex l-assistenza u d-direzzjoni meħtieġa biex tagħmel dan. Qalet li hija m'għandha l-ebda taħriġ legali, u ma rrinunzjatx għad-dritt tagħha li tkun assistita minn avukat, jew talbet li tiddefendi l-kawża tagħha. Is-soċjetà appellanta saħqet li l-fatt li hija ma tħallietx tressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tagħha, jammonta għal ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq, u ksur tal-prinċipju *audi alteram partem.* Żiedet tgħid li hija spiċċat proċeduralment żvantaġġjata, u m'hemm l-ebda ekwilibriju bejn il-partijiet minħabba f'din id-deċiżjoni.

6. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal għadda sabiex iddikjara il-provi tagħha magħluqa qabel ma hija laħqet ippreżentat imqar prova waħda sabiex tissostanzja t-teżi difensjonali tagħha, u dan ma kienx fil-kontroll tagħha għaliex il-provi ġew dikjarati magħluqa meta hija ma kellhiex assistenza legali, sabiex b'hekk t-Tribunal kien rinfaċċjat bi provi li ġew imressqa minn parti waħda biss fil-kawża. Qalet li hija ma kinitx kontumaċi, u kienet ressqet ir-risposta tagħha entro t-terminu stipulat fil-liġi. Qalet ukoll li t-Tribunal iddikjara il-provi tagħha magħluqa fi żmien meta hija ma kellhiex assistenza legali, u din id-deċiżjoni trid tiġi evalwata ukoll fid-dawl tal-fatt li l-ewwel seduta fil-proċeduri odjerni saret fl-14 ta' Diċembru, 2023, u l-provi tagħha ġew iddikjarati magħluqa biss xahrejn wara, fl-24 ta' Frar, 2024. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li t-Tribunal irid ikun effiċjenti f'xogħlu, din l-effiċjenza m'għandhiex tkun għad-detriment tad-dritt għal smigħ xieraq tal-partijiet. Żiedet tgħid illi li kieku kellu jsir eżami komparattiv, hija spiċċat marret agħar minn parti li tiġi ddikjarata kontumaċi,

għaliex hija lanqas biss tħalliet tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha. Qalet li hija kellha biss terminu ta' ftit ġimgħat sabiex tippreżenta l-provi tagħha, u t-Tribunal ddeċieda li ladarba hija ma rrispondietx għall-korrispondenza mibgħuta lilha, hija ma kellhiex dritt tressaq il-provi tagħha, u fil-fatt il-provi tagħha ġew dikjarati magħluqa ħesrem, fi żmien meta hija kienet sprovvista mill-assistenza legali. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk id-digriet appellat ingħata għad-detriment tad-drittijiet fundamentali tagħha.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. Is-soċjetà appellata wieġbet billi qalet li s-soċjetà appellanta naqset milli tispjega fir-rikors tal-appell tagħha l-fatti b'mod leali, u dan peress li ġew skartati għadd ta' fatturi li kienu kruċjali sabiex t-Tribunal ta d-deċiżjoni tiegħu. Is-soċjetà appellata qalet li r-rikors ippreżentat mis-soċjetà appellanta fid-29 ta' April, 2024 ma kien xejn għajr tentattiv ta' delungar ta' dawn il-proċeduri, u dan wara li kull korrispondenza jew tentattiv ta' komunikazzjoni li saru kemm personalment mis-soċjetà appellanta u mit-Tribunal, kienu għalxejn u ġew volontarjament injorati mis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellata qalet li dan minkejja li s-soċjetà appellanta dejjem ġiet notifikata b'kull żvilupp, anki permezz tal-konsulent legali tagħha meta kienet assistita, jew inkella permezz ta' notifika fl-indirizz reġistrat tal-kumpannija, liema indirizz ma nbidel qatt tul dawn il-proċeduri. Is-soċjetà appellata spjegat li s-soċjetà appellanta ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali tal-10 ta' Marzu, 2022; ġiet notifikata bir-rikors promutur tat-28 ta' Diċembru, 2022; ġiet notifikata bil-ftuħ ta' dawn il-proċeduri; kienet konsapevoli tal-andament ta' dawn il-proċeduri; ġiet notifikata fil-mument li rrinunzja l-konsulent legali tagħha, u ġiet ukoll notifikata

bid-digriet tat-Tribunal tal-24 ta' Frar, 2024, li l-kawża mxiet għan-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet. Qalet li għalhekk mhux minnu li s-soċjetà appellanta kienet fil-għama, jew li ma kellha l-ebda gwida dwar kif kienu qegħdin jiżvolġu l-proċeduri.

8. Is-soċjetà appellata saħqet li l-liġi tiddetta l-proċedura li trid tintuża sabiex jitqies li l-proċeduri ġew notifikati, kif ukoll f'liema sitwazzjoni notifika titqies li hija valida skont il-liġi. Is-soċjetà appellata qalet li t-talbiet kif imsejsa mhumiex isiru sabiex is-soċjetà appellant titlob lill-Qorti tiġġustifika l-kontumaċja, iżda fir-rigward ta' terminu għall-eżerċizzju ta' rimedju konċess mil-liġi. Is-soċjetà appellata qalet li wara l-istruzzjonijiet li ta t-Tribunal fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2024, hija ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha fl-1 ta' Marzu, 2024, u kien biss xahrejn wara l-preżentata ta' din in-nota, jew tliet xhur wara d-direzzjoni tat-Tribunal, li s-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tagħha. Is-soċjetà appellata qalet li kien fl-interess tas-soċjetà appellanta li tieħu ħsieb tiddefendi isimha fi proċeduri ġudizzjarji, minflok titfa' t-tort fuq terzi, u tallega li ma kinitx konsapevoli tal-proċeduri, u dan aktar u aktar meta hija kellha mill-bidu għarfien sħiħ ta' dawn il-proċeduri, u anki daħħlet risposta għat-talba oriġinali. Is-soċjetà appellata qalet li huwa ironiku l-fatt li l-istess avukat li rrinunzja għall-patroċinju tas-soċjetà appellanta, illum qiegħed iressaq talba għall-ftuħ tal-provi mill-ġdid. Qalet li fl-ebda waqt ma deher xi rappreżentant tas-soċjetà appellanta, u dan aktar jikkonferma t-teżi tagħha li dawn it-talbiet qegħdin isiru biss biex itawlu. Hawnhekk is-soċjetà appellata qalet li f'din is-sitwazzjoni hemm xebħ mal-istitut tal-kontumaċja, u huwa prinċipju fl-istitut tal-kontumaċja li din ma titqiesx ġustifikata meta tkun volontarja. Il-kontumaċja lanqas ma titqies ġustifikata meta tkun kolpuża, u biex ikun hemm lok għall-

ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, hemm bżonn li tiġi ppruvata kawża ġusta. Il-kawża ġusta għandha tikkonsisti f'impediment leġittimu, u l-impediment biex ikun leġittimu għandu jkun jiddependi mill-volontà tal-kontumaċi. Żball mhux impediment leġittimu jekk ma jkunx invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli jkun jammonta għal kolpa. Dan l-impediment leġittimu jista' jkun "*una necessità impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*", u l-impossibilità biex wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikultà gravi, biex tkun tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu, għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali. Hawnhekk is-soċjetà appellata għamlet riferiment għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Vittoria Cassar *vs.* Carmelo Vassallo**.[1]

9. Is-soċjetà appellata saħqet li l-prinċipju tal-*equality of arms* ifisser li kull parti jkollha l-opportunità tippreżenta l-provi tagħha, u li kull parti għandha tingħata opportunitajiet indaqs. Qalet li l-istess prinċipju jiddetta li r-regolamenti u d-direzzjonijiet li jagħti t-Tribunal għandhom jgħoddu għal kulħadd, u parti fi proċeduri ġudizzjarji ma tistax tinjora l-andament ta' tali proċeduri kompletament, u fl-aħħar tallega li ma kinitx taf b'ċerti żviluppi, għaliex dan jammonta għal abbuż mis-sistema.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-digriet appellat, u tas-sottomissjonijiet li saru mis-soċjetà appellata.

[1] Per Imħ. William Harding – 29.05.1937, Q.A.

*L-Aggravju:* *[It-Tribunal iddikjara l-provi magħluqa fi stadju meta s-soċjetà appellanta ma kellhiex assistenza legali, u għalhekk hija la laħqet ippreżentat il-provi u lanqas m'għamlet is-sottomissjonijiet tagħha]*

11. Is-soċjetà appellanta hija tal-fehma li t-Tribunal żbalja meta ddeċieda li jiċħad it-talba tagħha sabiex jissospendi l-prolazzjoni tal-lodo arbitrali, liema talba hija ressqet għaliex kienet għadha ma ressqet l-ebda prova, u lanqas m'għamlet is-sottomissjonijiet tagħha. Is-soċjetà appellanta talbet ukoll li l-istadju tal-provi jerġa' jinfetaħ mill-ġdid, u li hija titħalla tressaq il-provi in sostenn tal-pożizzjoni tagħha.

12. Permezz tad-digriet appellat, it-Tribunal ċaħad it-talba fir-rikors, wara li qies li sa mill-bidu tal-proċeduri l-partijiet ġew mgħarrfa bid-dati ta' almenu żewġ seduti li kienu ser isiru għall-produzzjoni tal-provi. Fid-9 ta' Jannar, 2024, it-Tribunal irċieva n-nota ta' rinunzja tal-patroċinju tal-avukati difensuri tas-soċjetà appellanta, u fl-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2024, ma deher ħadd għas-soċjetà appellanta waqt is-seduta li saret quddiem it-Tribunal. Kien għalhekk li it-Tribunal ordna li s-soċjetà appellanta tiġi nfurmata li l-udjenza tat-2 ta' Frar, 2024 kienet l-aħħar opportunità għaliha sabiex tressaq il-provi u x-xhieda tagħha. Dakollu ġie ikkomunikat lill-partijiet anki bil-kitba, u jirriżulta li s-soċjetà appellanta kienet validament notifikata b'dawn id-direzzjonijiet tat-Tribunal, iżda għal xi raġuni din għażlet li la tibgħat rappreżentant tagħha sabiex jispjega s-sitwazzjoni lil, u lanqas li tkun assistita minn avukat. Kien fl-14 ta' Marzu, 2024, li l-avukati difensuri tas-soċjetà appellanta kitbu lit-Tribunal li huma kienu ser jassumu l-patroċinju tagħha mill-ġdid, meta fid-9 ta' Jannar, 2024, huma kienu infurmaw lit-Tribunal li kienu qegħdin jirrinunzjaw għall-patroċinju tas-soċjetà

appellanta. Fid-29 ta' April, 2024, imbagħad, l-istess żewġ avukati difensuri tas-soċjetà appellanta ressqu rikors fejn talbu lit-Tribunal jissospendi l-prolazzjoni tal-lodo arbitrali sabiex is-soċjetà appellanta tingħata ċans tressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tagħha. Fir-rikors tal-appell tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li d-digriet appellat qiegħed iċċaħħadha mid-dritt għal smigħ xieraq, u ma ġiex imħaddem il-prinċipju tal-*equality of arms* quddiem it-Tribunal, għaliex sa issa jirriżulta li kienet parti waħda biss f'dawn il-proċeduri li kellha opportunità tressaq il-provi tagħha. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija m'għandha l-ebda taħriġ legali u għalhekk hija ma fehmitx l-import tad-deċiżjoni tat-Tribunal meta iddikjara l-provi magħluqa, u lanqas ma fehmet li b'din id-deċiżjoni hija kienet ser tiġi żvantaġġjata.

13. Il-Qorti tirrileva li d-dritt għal smigħ xieraq ifisser li kull parti fi proċeduri ġudizzjarji jkollha l-opportunità tressaq id-difiża tagħha, jew personalment jew permezz ta' avukat tal-fiduċja tagħha. Is-soċjetà appellanta kienet rappreżentata minn żewġ avukati, li f'Jannar tal-2024 infurmaw lit-Tribunal li kienu qegħdin jirrinunzjaw għall-patroċinju tagħha. Minkejja li debitament notifikata bid-dati tas-seduti u bl-andament ta' dak li kien qiegħed isir quddiem t-Tribunal, is-soċjetà appellanta għażlet li ma tibgħat lil ħadd jirrappreżenta l-interessi tagħha jew almenu sabiex isegwi dak li kien qiegħed jingħad quddiem t-Tribunal. Minkejja dan, t-Tribunal ħa ħsieb jinforma lis-soċjetà appellanta bil-miktub li s-seduta ta' wara kienet qiegħda titħalla għall-produzzjoni tal-provi, u li din kienet ser tkun l-aħħar opportunità li kellha sabiex tressaq il-provi jew ix-xhieda tagħha. Għal darb'oħra, u minkejja li debitament notifikata b'dan, is-soċjetà appellanta għażlet li ma tkun rappreżentata bl-ebda mod, u b'hekk t-Tribunal ma kellu l-ebda għażla għajr li jiddikjara l-istadju tal-provi magħluq.

Jirriżulta wkoll, li xahrejn biss wara li rrinunzjaw għall-patroċinju tas-soċjetà appellata, l-imsemmija avukati difensuri li kienu qegħdin jippatroċinaw lis-soċjetà appellanta, infurmaw lit-Tribunal li huma kienu ser jerġgħu jassumu l-patroċinju tagħha mill-ġdid, u dan seħħ fl-14 ta' Marzu, 2024. Aktar minn xahar u nofs wara, u għalhekk meta l-avukati difensuri tas-soċjetà appellanta kellhom żmien biżżejjed biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-atti u mal-istadju li kienu waslu fih il-proċeduri bejn il-partijiet, l-istess avukati difensuri talbu lit-Tribunal jissospendi l-prolazzjoni tal-lodo arbitrali sabiex huma jkunu jistgħu jressqu l-provi u jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.

14. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Grech *vs.* l-Avukat Ġenerali**[2], fejn ġie spjegat li jekk xi parti tonqos milli tagħmel użu minn xi dritt jew opportunità li takkordalha l-liġi, hija ma tkunx tista' tilmenta li ma tkunx ingħatat smigħ xieraq skont il-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni, u tista' tilmenta biss li tkun tilfet l-opportunità li tagħmel użu mill-mezzi mqiegħda għad-dispożizzjoni tagħha skont ir-regoli tal-proċedura. Ġie spjegat illi,

> *"... sakemm il-Qorti (u dan jgħodd għal kull tribunal amministrattiv jew kważi-ġudizzjarju) tkun korretta fl-applikazzjoni tar-regoli u ma tkunx proprju ppreġudikat dik il-kwalità ta'* fairness *li tirriżulta min-non-osservanza tal-prinċipju tal-*equality of arms, *wieħed ma setax jgħid li kienet tirriżulta leżjoni tal-jedd fundamentali ta' smigħ xieraq."*

15. Fil-każ odjern jirriżulta li ma kien hemm l-ebda impediment sabiex is-soċjetà appellanta tressaq il-provi jew li tiċċara l-pożizzjoni tagħha f'dawn il-proċeduri. Ir-raġuni miġjuba mis-soċjetà appellanta li hija m'għandhiex taħriġ

[2] Q.K., 20.12.2000.

legali, mhijiex skuża leġittima għalfejn parti f'kawża tonqos milli ssegwi l-andament ta' proċeduri miġjuba kontra tagħha, speċjalment meta hija kienet assistita minn avukat fil-bidu ta' dawn il-proċeduri, u għalhekk in-natura tat-talbiet miġjuba kontra tagħha kellha tkun għaliha ċara mill-bidu. Is-soċjetà appellanta ma tista' titfa' r-responsabbilità għan-nuqqas ta' parteċipazzjoni attiva tagħha f'dawn il-proċeduri, fuq ħadd ħlief fuqha nnifisha, u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, it-talba li qiegħda ssir biex t-Tribunal jissospendi l-prolazzjoni tal-lodo arbitrali tiegħu m'għandhiex tiġi milqugħha għaliex jekk s-soċjetà appellanta ma riditx li tkun preġudikata, hija kellha opportunità ampja biex tressaq il-provi u d-difiża tagħha, imma kienet hi li naqset milli tagħmel dan.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-digriet appellat fl-intier tiegħu.**

**l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**